**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 21 t' April, 2021**

**Talba Nru: 245/2020PM1**

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited (C8692)**

**Vs**

**Daniel Caruana (K.I. 438786(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-19 t' Ottubru, 2020 permezz ta' liema s-socjeta` attrici talbet li, ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, il-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elfejn, sebgha mija u hamsin euro u tlieta u sebghin centezmi (€2750.73) rapprezentanti prezz ta' prodotti mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut u li l-konvenut baqa' ma hallasx minkejja diversi interpellazzjonijiet; bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata tal-kawza u b'rizerva ghal kwalsiasi somom ulterjuri li talvolta jista' jkun dovut lis-socjeta` attrici.

Ra l-istatement of account anness mal-avviz u mmarkat Dok. CP1.

Ra li l-konvenut gie ingunt in subizzjoni.

Ra li waqt is-seduta tal-4 ta’ Dicembru, 2020 l-avukati difensuri tal-partijiet infurmaw lit-Tribunal li kien intlahaq ftehim ta’ hlas permezz ta’ pagamenti rateali tal-ammont mitlub bl-ewwel pagament isir fl-10 ta’ Jannar, 2021.

Ra li waqt is-seduta tas-27 ta’ Jannar, 2020 l-avukat tas-socjeta` attrici ikkonfermat li kien sar l-ewwel pagament u li, skont il-ftehim milhuq, is-sorte u l-ispejjez kellhom jithallsu permezz ta’ pagamenti mensili ta’€350 fejn il-kawza thalliet allura ghall-probabbli cessjoni jew, fin-nuqqas ghall-provi, b’dan li wara tali seduta il-kawza tithalla ghas-sentenza.

Ra li waqt is-seduta tat-8 ta’Marzu, 2021 l-avukat tas-socjeta` attrici ddikjarat illi wara l-ewwel seduta f’dawn il-proceduri sar pagament wiehed ta’ Eur500 u ma sarux pagamenti mensili ulterjuri minkejja il-ftehim bil-fomm milquh f’dan s-sens mal-konvenut kif verbalizzat fis-27 ta Jannar 2021. Fic-cirkostanzi l-istess avukat talbet il-kontinwazzjoni tal-kawza bis-smiegh tal-provi u t-Tribunal laqa’ t-talba.

Waqt l-istess seduta it-Tribunal sema’ lil Marvin Sapiano li ddikjara li jokkupa l-kariga ta’ Credit Manager fi hdan is-socjeta attrici u kkonferma bil-gurament tieghu illi l-bilanc tas-sorte li ghadu dovut mill-konvenut huwa dak ta’ Eur1,850.73c u dan jekk wiehed jghodd l-pagamenti li saru fil-mori inkluz l-ahhar pagament ta’ Eur500.00, u dana oltre spejjez u imghaxijiet. L-istess xhud ezebixxa seduta stante *statement* aggornat li giet markata bhala DOK MS1.

Ra li waqt l-istess seduta it-Tribunal ordna li jigu msejjhin mill-gdid l-konvenut u r-rapprezentant legali tieghu u dawn baqghu ma dehrux.

Ra wkoll li l-avukat tal-attrici, fic-cirkostanzi, iddikjarat li s-socjeta` attrici m’ghandiex aktar provi x’tipproduci.

Ra li l-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi t-Tribunal ikkunsidra li, kif verbalizzat f'dawn l-istess atti, il-konvenut ftihem mas-socjeta` attrici li jibda jaffetwa pagamenti mensili fil-mori biex ihallas id-dejn tieghu u kwindi gie li ammetta li l-ammont mitlub permezz ta' dawn il-proceduri huwa dovut minnu.

Illi jirrizulta car li, skont ix-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici il-konvenut huwa illum debitur fis-somma bilancjali ta' elf, tmin mija u hamsin euro u tlieta u sebghin centezmi (€1850.73) u dana wara li tnaqqsu l-pagamenti kollha li saru minnu kif jirrizulta mill-i*statement* aggornat u kkonfermat mill-istess rapprezentant tas-socjeta` attrici.

Illi ghaldaqstant huwa car li t-Tribunal ghandu jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma li tinsab ikkonfermata bhala dovuta u kwindi s-somma ta' elf, tmin mija u hamsin euro u tlieta u sebghin centezmi (€1850.73). Tenut kont tan-natura kummercjali tal-istess debitu fejn jirrizulta li l-konsenji saru ghan-negozju tal-istess konvenut, it-Tribunal ser jilqa' wkoll it-talba ghall-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata tal-kawza, bl-ispejjez legali wkoll kontra l-istess konvenut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata limitatament fis-somma ta' elf, tmin mija u hamsin euro u tlieta u sebghin centezmi (€1850.73), it-Tribunal jilqa' it-talbiet attrici limitatament fl-istess somma hekk ridotta u kwindi  jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-istess socjeta` attrici is-somma ridotta ta' elf, tmin mija u hamsin euro u tlieta u sebghin centezmi (€1850.73) bl-imghax kif mitlub mid-data tal-prezentata tal-kawza u bl-ispejjez gudizzjarji kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**